**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta` nhar it-Tlieta 25 ta` Settembru, 2018**

**Talba Nru: 112/2018PA**

**Cutajar Anthony**

**vs**

**Dimech Josef**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat fit-28 ta` Marzu 2018 li permezz tiegħu l-attur talab li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallsu s-somma ta` elf, mitejn, sitta u sittin Ewro, erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€1,266.54ċ) rappreżentanti l-prezz ta` xogħlijiet fl-injam għal gallinari, ordnati u konsenjati lill-konvenut, li pero` baqa' ma ħallas tagħhom, bl-imgħax u bl-ispejjeż.

Ra d-dokument anness mal-Avviż tat-Talba, senjatament kopja tal-fattura maħruga minn Tronky Woodworks lill-konvenut fil-21 ta` Novembru 2017 (Dok. X, fol. 2-3).

Ra r-Risposta tal-konvenut preżentata fit-23 ta` Mejju 2018 li permezz tagħha eċċepixxa li: (i) it-talbiet attriċi, għalkemm mhux ikkontestati in kwantu jikkonċerna x-xogħlijeti illi saru mill-attur, huma esaġerati in kwantu jikkonċerna l-ammont pretiż mill-attur; (ii) l-intimat baqa' jsostni li l-attur għandu jwaqqaf ix-xogħlijiet, madankollu huwa kompla minn jeddu; (iii) it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda billi huma infondati in kwantu jikkonċerna l-ammont pretiż, esaġerat.

Ra li l-konvenut naqas li jressaq il-provi tiegħu, minkejja li ngħata opportunita` jagħmel dan f'aktar minn udjenza waħda.

Ra li, minħabba f'hekk, it-Tribunal iddikjara magħluq l-istadju tal-provi tal-konvenut fl-udjenza tal-4 ta` Lulju 2018.

Ra li l-attur irrimetta ruħu għall-provi mressqa minnu.

Ikkunsidra li:

L-attur **Anthony Cutajar**[1] xehed li ħu jagħmel xogħol ta` mastrudaxxa taħt l-isem tad-ditta 'Tronky Woodworks'. Qal li l-konvenut kien qabbdu jibnilu *loft* għal fuq il-bejt. L-attur deħerlu li ma kienx hemm sapport bizzejjed għal dak ix-xogħol, u l-konvenut qabbdu jżidlu s-*sapport*. F'xi żmien, il-konvenut ħassarlu l-inkarigu u taħ biċċa xogħol gdida. Għall-ħabta tal-aħħar ta` Settembru 2016, l-attur qal li mar għan dil-konvenut, u dan kien orndalu gaġeġ tal-injam għall-annimali. Talbu stima minn qabel imma l-attur qallu li ma setax jagħmel dan, minħabba li l-prezz kien jiddependi mill-prezz tal-materjal, pero` qallu li l-ħlas ta` xogħlu kien bir-rata ta` €70 kull ġurnata xogħol, oltre l-ispejjeż. Il-konvenut aċċetta, u l-attur ikkonsenjalu x-xogħol fil-31 ta` Ottubru 2016. Ix-xogħol kien jikkonsisti f'7 units, saqaf u bieb tal-injam.

L-attur kompla jixħed li, kif lesta x-xogħol, il-konvenut ordnalu jagħmillu l-art. Biex jagħmillu dan ix-xogħol, l-attur talab lill-konvenut ilesti xogħol ieħor. Fit-8 ta`

[1] Ara xiehda, 29.5.2018, fol. 10 sa 11

Novembru l-attur ċempel lill-konvenut biex jara jekk kienx lesta dan ix-xogħol, u f'dik it-telefonata l-konvenut talbu l-kont. Fl-istess telefonata, l-attur taħ spartizzjoni tal-ispejjeż, u l-konvenut qallu li ma setax iħallsu f'daqqa. L-attur aċċetta, pero` mbagħad il-konvenut beda jgħidlu li x-xogħol ġie jiswa wisq. Il-konvenut oġġezzjona għal li l-attur talbu ħlas ta` erbat ijiem xogħol, għax qallu li mastrudaxxa ieħor seta` jagħmilhomlu f'ġurnata. Wara diversi komunikazzjonijiet, l-attur offra li jmur iżarma x-xogħol li kien għamel u jieħdu, minflok il-ħlas, pero` l-konvenut żammu biex jersaq lejn daru. Sussegwentement, il-partijiet ftiehmu li l-attur imur jaqla kollox fis-16 ta` Novembru 2016, pero` nofs ta` nhar qabel, il-konvenut avża lill-operatur tal-lifter inkarigat mill-attur għal dan l-iskop li ma kienx ser ikun id-dar. Il-konvenut offrielu ħlas ta` €600 li l-attur ma aċċettax.

L-attur ippreżenta diversi dokumenti, senjatament fatturi tal-materjali li uża biex ħadem il-gaġeġ għall-konvenut, u wkoll l-arrangamenti li kien laħaq għamel biex jieħdu dawn il-gaġeġ lura.[2]

Ikkunsidra wkoll li:

Fir-Risposta tiegħu, il-konvenut ma ċaħadx li kien inkariga lill-attur biex jaħdimlu l-gaġeġ, jew li dawn il-gaġeġ ma ġewx konsenjati lilu jew li hu rrifjutahom jew irritornahom lill-attur, jew li kellhom xi nuqqas. Dawn il-fatti allura jirriżultaw pruvati, tal-anqas fuq bilanċ ta` probabiltajiet.

Stabbilit għalhekk li l-attur kien inkariga lill-attur biex jaħdimlu l-gaġeġ, u l-attur effettivament aċċetta u wettaq dak l-inkarigu fl-intier tiegħu, għall-benefiċċju tal-konvenut, li aċċetta u gawda l-frott tal-ħidma tal-attur, it-Tribunal irid issa jqis, u jiddeċiedi, jekk il-ħlas mitlub mill-attur mingħand il-konvenut kienx, u għadux, dovut.

L-attur jgħid li l-konvenut ma ħallsu xejn mill-prezz tax-xogħol eżegwit minnu, u l-konvenut lanqas ma allega fir-Risposta tiegħu, jew wera, li effettivament ħallas xi parti mill-prezz.

---

[2] Fol. 13 sa 23

Wara li qies il-fatturi tal-materjali ppreżentati mill-attur, u l-fattura li ħareg ħu lill-konvenut, u li fuqħa mexxa dawn il-proċeduri, it-Tribunal huwa tal-feħma li t-talba tal-attur tirriżulta ppruvata, fuq bilanċ ta` probabiltajiet. Il-konvenut ingħata spjegazzjoni dettaljata tal-ħlas li ntalab mingħandu. Huwa nnifsu jaċċetta li għandu jħallas lill-attur ta` dan l-inkarigu għalkemm jikkontesta l-ammont mitlub mingħandu. Kien jinkombi fuq il-konvenut li jipprova dak allegat minnu, u proprju li l-ammont mitlub mingħandu huwa eżaġerat. Minn dan kollu, il-konvenut ma pprova xejn, u qagħad biss fuq l-eċċezzjonijiet għal kollox vagi u mingħajr spjegazzjonijiet debiti, li jikkonfermaw dak li xehed l-attur li l-konvenut ħa u żamm għaliħ il-benefiċċju ta` xogħol l-attur, mingħajr ma ħallas għaliħ.

Għar-raġunijiet kollha hawn mogħtija, dan it-Tribunal jaqta` u jiddeċiedi din il-kawża billi jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut u jilqa' t-talba attriċi, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur s-somma mitluba ta` elf, mitejn, sitta u sittin Ewro, erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€1,266.54ċ), bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba sad-data tal-ħlas sħiħ effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenut.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**ĠUDIKATUR**